# DEĊIŻJONIJIET

## Deċiżjoni tal-Kunsill

## tal-20 ta' Ġunju 2014

## li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/282/UE dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv fl-Awstrija

(2014/404/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-2 ta' Diċembru 2009, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill iddeċieda, permezz tad-Deċiżjoni 2010/282/UE [1], li fl-Awstrija kien jeżisti deficit eċċessiv. Il-Kunsill innota li d-deficit tal-amministrazzjoni pubblika ppjanat għall-2009 kien ta' 3,9 % tal-PDG, u għalhekk iktar mill-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat, filwaqt li d-dejn pubbliku gross kien ippjanat li jilħaq it-68,2 % tal-PDG fl-2009, u b'hekk iktar mill-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PDG skont it-Trattat. Id-deficit u d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika għall-2009 ġew irreveduti sussegwentement għal 5,5 % u 116,4 % tal-PDG rispettivament.

(2) Fit-2 ta' Diċembru 2009, skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 [2], il-Kunsill, abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, bagħat Rakkomandazzjoni lill-Awstrija bil-għan li s-sitwazzjoni tad-deficit eċċessiv tinġieb fi tmiemha sa mhux aktar tard mill-2013. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ġiet ippubblikata.

(3) Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' deficit eċċessiv anness mat-Trattati, il-Kummissjoni tipprovdi d-dejta għall-implimentazzjoni ta' din il-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dejta dwar id-deficit u d-dejn tal-gvern tagħhom kif ukoll dwar varjabbli assoċjati oħra darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta' April u qabel l-1 ta' Ottubru, skont Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 [3].

(4) Meta jiġi biex jikkunsidra jekk deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv għandhiex tiġi revokata, il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni abbażi tad-dejta notifikata. Barra minn hekk, deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv għandha titħassar biss jekk it-tbassir tal-Kummissjoni jindika li d-deficit ma jkunx se jaqbeż il-livell ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat tul il-perjodu ta' tbassir [4].

(5) Abbażi tad-dejta pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009, wara n-notifika mill-Awstrija f'April 2014, u abbażi tal-Programm ta' Stabbiltà għall-2014-18 u t-tbassir tar-rebbiegħa tal-2014 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:

— Wara li laħaq l-ogħla livell tiegħu, jiġifieri 4,5 % tal-PDG fl-2010, id-deficit tal-amministrazzjoni pubblika tal-Awstrija niżel għal 2,5 % taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat diġà fl-2011. Dan it-titjib, imqabbel mar-riżultat fiskali ppjanat inizjalment, kien parzjalment marbut mar-rikonoxximent ta' miżuri ta' nfiq tal-gvern għar-rikapitalizzazzjoni tal-"bank tal-assi ħżiena" KA Finanz (madwar 0,4 % tal-PDG) fil-kontijiet

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/282/UE tat-2 ta' Diċembru 2009 dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fl-Awstrija (ĠU L 125, 21.5.2010, p. 32).

[2] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' deficit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

[3] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1).

[4] B'konformità mal-"Ispeċifikazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Linji Gwida dwar il-format u l-kontenut ta' Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza" tat-3 ta' Settembru 2012. Ara: http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sgp/pdf/coc/code_of_conduct_en.pdf

tal-gvern tal-2012, meta l-impatti li kien hemm ġew ikkonfermati abbażi tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-bank. Fuq skala iżgħar, it-tnaqqis fid-deficit kien dovut għal infiq iktar baxx minn dak li kien ippjanat, fil-livelli kollha tal-gvern, kif ukoll għal kundizzjonijiet ekonomiċi iktar favorevoli, li ssarrfu fi tkabbir fl-introjtu ikbar milli kien imbassar. Fl-2012, b'kuntrast mat-tbassir nazzjonali u ma' dak tal-Kummissjoni, id-deficit tal-amministrazzjoni ġenerali, ta' 2,6 % tal-PDG, baqa' taħt it-3 % tal-PDG. Madankollu, minħabba riskji fil-qrib marbuta mal-possibbiltà ta' aktar azzjonijiet ta' tiswija tas-settur finanzjarju, li setgħu rriżultaw f'deficit 'il fuq minn 3 % tal-PDG fis-snin sussegwenti, il-Kummissjoni ma rrakkomandatx ir-revoka bikrija tal-proċedura ta' deficit eċċessiv. Mill-banda l-oħra, parti biss minn dawn ir-riskji ġew materjalizzati, u għall-2013, l-Awstrija rrappurtat deficit ta' 1,5 % tal-PDG. Dan it-tnaqqis ġdid fid-deficit kien dovut l-aktar għad-daqs mhux mistenni tal-miżuri ta' darba, li kienu jinvolvu l-bejgħ ta' spettru tat-telefonija ċellulari li ammonta għal kważi 0,6 % tal-PDG.

— Il-Programm ta' Stabbiltà għall-perjodu 2014-18, adottat mill-gvern tal-Awstrija fid-29 ta' April 2014, jippjana li d-deficit tal-amministrazzjoni ġenerali jitla' sa 2,7 % tal-PDG fl-2014, u mbagħad jinżel sa 1,4 % tal-PDG fl-2015. It-tbassir tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2014 ibassar deficit ta' 2,8 % tal-PDG fl-2014, u ta' 1,5 % tal-PDG fl-2015. B'hekk, id-deficit mistenni li jibqa' taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG matul il-perjodu ta' tbassir. Barra minn hekk, fil-qafas tar-Regolament (UE) Nru 473/2013 [1], il-Gvern ħabbar, u kkonferma f'ittra lill-Kummissjoni, sensiela ta' tfaddil addizzjonali u ta' introjti ogħla, li skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni jammontaw għal 0,2 % tal-PDG, sabiex tiġi evitata devjazzjoni sinifikanti ppjanata mill-pjan ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju (MTO).

— Iż-żieda fid-deficit tal-amministrazzjoni ġenerali fl-2014 hija dovuta għall-ħolqien ta' bank tal-assi ħżiena (*Abbaueinheit*, entità ta' likwidazzjoni) sabiex isir stralċ tal-assi danneġġati ta' Hypo Alpe Adria. L-impatt tal-ħolqien tal-entità ta' likwidazzjoni għal Hypo Alpe Adria huwa stmat, minn grupp estern ta' konsulenti esperti maħtur mill-gvern, li jammonta għal mhux aktar minn EUR 4 biljun (1,2 % tal-PDG), inkluż bl-effett ta' injezzjoni ta' kapital ta' EUR 750 miljun li saret diġà fl-2014. Ir-reġistrazzjoni aħħarija tal-impatt li jnizzel id-deficit se tiddependi minn rieżami indipendenti tal-kwalità tal-assi ta' Hypo Alpe Adria, li se jsir iktar tard dis-sena sabiex jippermetti lill-Eurostat jivvaluta l-effett statistiku ta' din l-operazzjoni. Il-valutazzjoni attwali mwettqa mill-grupp espert jidher li hija kkaratterizzata minn grad raġonevoli ta' prudenza, u għaldaqstant jista' jitqies plawżibbli. Madankollu, wieħed ma jistax jeskludi impatt ikbar fuq id-deficit minħabba din l-azzjoni. Dan huwa l-akbar riskju għat-tbassir tad-deficit għall-2014. Fl-istess ħin, filwaqt li jitqiesu l-miżuri diskrezzjonali addizzjonali mħabbra mill-gvern wara l-pubblikazzjoni tat-tbassir tal-Kummissjoni, li għandhom iwasslu għal aktar tnaqqis fid-deficit nominali, ir-riskji għad-deficit tal-2014 jidhru ġeneralment bbilanċjati.

— Il-bilanċ strutturali, jiġifieri l-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika aġġustat għaċ-ċiklu ekonomiku u għall-ammont nett minn miżuri ta' darba jew miżuri temporanji oħra, ittejjeb b'medja ta' kważi 0,7 % tal-PDG kull sena bejn l-2011 u l-2013, bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-valutazzjoni tagħha tal-abbozz aġġornat ta' pjan baġitarju mressaq fid-29 ta' April 2014, u l-valutazzjoni tal-miżuri addizzjonali mħabbra mill-Gvern fit-12 ta' Mejju 2014, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li jitjieb kemxejn fl-2014. F'dak il-kuntest, jidher li hemm qabża emerġenti ta' 0,5 % tal-PDG meta mqabbel mal-aġġustament meħtieġ tal-bilanċ strutturali lejn l-MTO fl-2014; dan jissuġġerixxi li jeħtieġ li l-miżuri baġitarji jiġu msaħħa sabiex tiġi żgurata l-konformità sħiħa mal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, fid-dawl tar-riskju emerġenti ta' devjazzjoni mit-triq ta' aġġustament meħtieġ.

— Il-proporzjon bejn id-dejn u l-PDG tela' minn 69,2 % għal 74,5 % bejn l-2009 u l-2013. Id-dejn gross tal-gvern hu mbassar li jiżdied għal madwar 80 % tal-PDG fl-2014, l-iktar minħabba l-inklużjoni fid-dejn tal-amministrazzjoni pubblika ta' obbligazzjonijiet attivati b'rabta mat-trasferiment tal-assi ddanneġġati ta' Hypo Alpe Adria lill-entità ta' likwidazzjoni.

(6) Il-Kunsill ifakkar li mill-2014, li hija s-sena ta' wara dik li fiha saret il-korrezzjoni tad-deficit eċċessiv, l-Awstrija hija soġġetta għall-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u għandha timxi lejn l-MTO tagħha b'pass xieraq, filwaqt li tirrispetta l-livell ta' referenza tal-infiq, u għandha tagħmel progress biżżejjed lejn il-konformità mal-kriterju tad-dejn skont l-Artikolu 2(1a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 ta' Lulju 1997.

(7) Skont l-Artikolu 126(12) tat-Trattat, Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv għandha tiġi revokata meta, fil-fehma tal-Kunsill, tkun saret korrezzjoni tad-deficit eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11).

(8) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fl-Awstrija ġie kkoreġut u d-Deċiżjoni 2010/282/UE għalhekk għandha tiġi revokata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni globali jsegwi li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fl-Awstrija ġiet ikkorreġuta.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2010/282/UE hija b'dan revokata.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubbblika tal-Awstrija.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-20 ta' Ġunju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. A. HARDOUVELIS